- SERVIZZ TELEFONIKU -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Gunju 2001**

**Kawza Numru:   33**
**Citazzjoni Numru: 2246/96/RCP**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Laila Ceramics Enterprises Limited**

**Il-Qorti,**

**<u>I.  PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-korporazzjoni attrici, fuq talba tas-socjeta' konvenuta, kienet istallat is-servizzi telefonici bin-numri 246481 (gia' 606481) u 233518 (gia' 63528) fil-fond 740, High Street, Hamrun u dana skond ma kif jirrizulta mill-annessi Dokumenti A u Dokument B u cioe` kopji fotostatici

awtentikati tas-'service agreements' esistenti bejn il-partijiet;

Illi skond l-istess *'service agreements'* is-socjeta' konvenuta kienet obbligat ruha li thallas dawk it-tariffi li minn zmien ghall-zmien jigu stabbiliti mill-korporazzjoni attrici;

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tal-korporazzjoni attrici fl-ammont komplessiv ta' LM5,219.26 (hames t' elef u dsatax il-lira maltin u sitta u ghoxrin centezmu) liema ammont huwa dovut kwantu ghall-LM1,105.54 ghall-uzu (*pulses/calls*) lokali u '*overseas*', kera tal-linja u *'directory charges'* in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 246481 (gia' 606481) u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness '*statement'* immarkat bhala Dokument C u kwantu ghall-LM4113.72 ghall-uzu (*pulses/calls*), kera tal-linja u xoghol *'extra'* esegwit in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 233518 (gia' 63528) u dana skond ma kif jidher mill-anness '*statement'* Dokument D;

Illi l-istess socjeta' konvenuta giet nterpellata thallas is-somma msemmija izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din l-kawza;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tikkundannaha thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' LM5219.26 (hames t' elef mitejn u dsatax il-lira maltin u sitta u ghoxrin centezmu) dovuta ghar-ragunijiet

fuq imsemmija u dana in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 246481 (gia' 606481) u 233518 (gia' 63528) liema servizzi kienu gew istallati mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tas-socjeta konvenuta;.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu, 1996, tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li kienet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 2 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 7 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta a fol 12 fejn gie eccepit:

1. Illi l-ammont ta' erbat elef, mija u tlettax-il lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm4,113.72c) ghall-kera ta' linja, xoghol *extra*, esegwit in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 233518 mhux dovut ghax huwa manifestament esagerat u eccessiv.

2. L-ammont ta' elf, mija u hames liri u erba u hamsin centezmu Lm1105.54 huwa ammess u s-socjeta` eccipjenti lesta li thallas dan l-ahhar ammont.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessibbli skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni konvenuta, l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 12 sa 16 tal-process;

Rat il-verbali tad-29 ta' April 1997, tal-1 ta' Dicembru 1997 fejn xehed il-PL Noel Scerri u Dr George Cutajar ghas-socjeta` attrici ddikjara li f'dan l-istadju m'ghandux provi aktar u tal-24 t'April 1998.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici Maltacom tal-15 ta' Mejju 1998 u d-digriet tal-Qorti tas-26 ta' Mejju 1998 fejn laqghet it-tabla u ordnat li l-kliem fl-okkju tal-kawza "l-Korporazzjoni Telemalta" jithassru u minflokhom jigi nserit il-kliem "Maltacom p.l.c.".

Rat il-verbali tal-10 ta' Gunju 1998, tad-9 ta' Novembru 1998, tat-12 ta' Marzu 1999, tad-29 ta' Ottubru 1999, tal-24 ta' Marzu 2000, tas-17 ta' Mejju 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tal-4 t'Ottubru 2000, tal-10 ta' Jannar 2001, tat-13 ta' Marzu 2001 u tat-30 ta' Mejju 2001 fejn l-Qorti inutat li ghal darba ohra hadd ma deher sabiex jirrapresenta s-socjeta' konvenuta, u li l-istess socjeta' konvenuta naqset ukoll li tressaq provi u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 ta' Gunju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi s-socjeta' odjerna attrici, (qabel il-Korporazzjoni attrici) qed taghmel din il-kawza stante li qed tallega li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tal-korporazzjoni, llum socjeta' attrici fl-ammont komplessiv ta' LM5,219.26 (hames t' elef u dsatax il-lira maltin u sitta u ghoxrin centezmu) liema ammont huwa dovut kwantu ghall-LM1,105.54 ghall-uzu (*pulses/calls*) lokali u '*overseas*', kera tal-linja u *'directory charges'* in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 246481 (gia' 606481) u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness '*statement'* immarkat bhala Dokument C u kwantu ghall-LM4113.72 ghall-uzu (*pulses/calls*), kera tal-linja u xoghol *'extra'* esegwit in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 233518 (gia' 63528) u dana skond ma kif jidher mill-anness *'statement'* Dokument D;

Illi s-socjeta' konvenuta, permezz tal-eccezzjonijiet taghha tal-10 ta' Marzu 1997, ammettiet l-istess talba kwantu biss ghall-ammont ta' Lm1,105.54, mentri kkontestat it-talba attrici kwantu ghar-rimanenti ammont ta' Lm4,113.72c.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjoni attrici hija korroborata kemm bil-ftehim datat 22 ta' Marzu 1989 ghas-servizz bin-numru 246481 (606481) esebit a fol. 4 tal-process, u dak tas-27 ta' Dicembru 1966 a fol. 5 tal-process relattiv ghan-numru 233528 (63528) u wkoll mill-*istatements* rispettivi esebiti a fol. 6 u 7 tal-process, bhala Dokumenti “C” u “D”, l-ewwel wiehed minnhom ammess mis-socjeta' konvenuta, u dawn l-istess rendikonti gew ikkonfermati mix-xhieda tal-Prokuratur Legali Noel Scerri fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 1997 a fol. 20 tal-process.

Illi jekk wiehed ihares lejn l-attegjament tas-socjeta' konvenuta f'din il-kawza issib li din l-istess socjeta' kellha l-opportunita' li tressaq il-provi taghha in sostenn tal-eccezzjonijiet taghha mis-seduta tal-24 ta' April 1998, din fl-istess seduta ma resqet ebda provi, izda sostniet li ser taghmel tentattiv sabiex titransigi l-kawza billi anke isir xi arrangament anke ghal hlas rateali ta' kwalunkwe ammont dovut.

Illi  s-seduti tal-10 ta' Gunju 1998, 9 ta' Novembru 1998, 12 ta' Marzu 1999 u 29 ta' Ottubru 1999 kollha saru bl-iskop li fil-frattemp tintlahaq din it-transazzjoni, pero' din ma sehhitx u l-kawza regghet giet differita ghall-provi tas-socjeta' konvenuta ghall-24 ta' Marzu 2000.

Illi fis-seduta' tal-24 ta' Marzu 2000, l-istess socjeta' konvenuta regghet ma resqitx provi, ghalkemm deher id-difensur taghha, u wara s-seduta tas-17 ta' Mejju 2000, fil-4 ta' Ottubru 2000 s-socjeta' konvenuta inghatat opportunita' ohra sabiex tressaq il-provi kollha taghha fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2001 fl-10.00..a.m. , izda s-socjeta' konvenuta regghet talbet differiment stante li allegat li d-direttur tal-istess kien ma jiflahx; l-istess gara fit-13 ta' Marzu 2001, u l-kawza thalliet ghall-provi kollha konvenuti ghat-30 ta' Mejju 2001.

Illi f'din l-ahhar seduta l-istess socjeta' konvenuta ma dehritx, ma resqitx provi, u ghalhekk l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi fil-fatt minn dan kollu jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ma resqet ebda provi kwalunkwe sabiex issostni l-allegazzjonijiet taghha li l-kont ta' Lm4,113.72 huwa *"manifestament esegerat u eccessiv"* u ghalhekk stante li kien l-oneru taghha li taghmel dan, certament li l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ma tistax tigi akkolta, anke ghaliex jidher mill-atti li l-unika haga li l-istess socjeta' ghamelt f'din il-kawza kien biss bi skop dilatorju, stante li f'perjodu ta' cirka hames (5) snin lanqas waslet biex halset l-ammont minnha ammess, u baqghet kompletament passiva ghall-azzjoni attrici. Illi ghalhekk l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta qed tigi michuda minhabba mankanza totali ta' provi *da parte* taghha.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, it-talbiet atttrici ghandhom jigu milqugha stante li ma gew bl-ebda mod ikkontrastati u kontradetti.

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta ghall-ammont ta' elf, mija u hames liri Maltin (Lm1,105) u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ghar-rimanenti ammont ta' Lm4,113.72 formanti parti mill-ammont komplessiv tas-*sorte* tal-azzjoni odjerna, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-Korporazzjoni, llum socjeta', attrici s-somma ta' LM5219.26 (hames t' elef mitejn u dsatax-il lira maltin u sitta u ghoxrin

centezmu) dovuta ghar-ragunijiet fuq imsemmija u dana in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 246481 (gia' 606481) u 233518 (gia' 63528) liema servizzi kienu gew stallati mill-Korporazzjoni, llum socjeta' attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu, 1996, tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax legali mid-data tat-8 ta' Marzu 1996 sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**5 ta' Gunju, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**5 ta' Gunju, 2001**